Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,922, 13 ta' Settembru, 2022
Taqsima B

A.L. 226 tal-2022

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2022 dwar Infrastruttura għall-Iċċarġjar tal-Vetturi Elettriċi Aċċessibbli għall-Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, applikabbiltà u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 dwar Infrastruttura għall-Iċċarġjar tal-Vetturi Elettriċi Aċċessibbli għall-Pubbliku.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi aċċessibbli għall-pubbliku, esklużi:

(a) apparat tal-iċċarġjar mingħajr fili jew ta' induzzjoni;

(b) apparat għall-iskambju tal-batterija;

(ċ) infrastrutturi tal-iċċarġjar ddedikati esklussivament għall-iċċarġjar ta' karozzi tal-linja u kowċis; u

(d) punti tal-iċċarġjar li l-qawwa massima tal-iċċarġjar tagħhom ma taqbiżx it-3.7 kW.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir. Kap. 545.

2. (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandu japplika t-tifsir fl-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"aċċess għall-iċċarġjar" tfisser il-proċedura li tippermetti li vettura tkun imqabbda mal-infrastruttura tal-iċċarġjar u t-trasferiment tal-enerġija meħtieġa għall-iċċarġjar;

Kap. 549. "ambjent" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

Kap. 545. "Att" tfisser l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma;

"iċċarġjar bir-roaming" tfisser l-għażla tal-utent li meta jkollu kuntratt ma' operatur tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku partikolari biex juża l-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ta' operatur ieħor mingħajr ma jkollu kuntratt ma' dak l-operatur u billi jkollu aċċess għal servizzi ta' ċċarġjar u ta' ħlas permezz ta' pjattaforma ta' interoperabbilità;

"infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser it-tagħmir kollu, bħal circuits tal-provvista elettrika, stazzjonijiet tal-iċċarġjar jew punti tal-iċċarġjar, tagħmir għall-kontroll u l-immaniġġjar, u apparat li jippermetti b'mod partikolari t-trasmissjoni tad-dejta, superviżjoni, kontroll u ħlas, li huma meħtieġa għall-iċċarġjar;

"ikkummissjonar" tfisser l-ewwel darba li punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jitħaddem, wara li jiġi stabbilit li dan ikun lest mil-lat operativ;

"dekummissjonar" tfisser it-tneħħija permanenti mill-operat ta' punt tal-iċċarġjar;

"fornitur ta' servizz ta' elettromobbiltà" jew "eMSP" jew "fornitur ta' Servizz ta' Mobilità Elettronika" tfisser entità li tipprovdi aċċess lis-sewwieqa tal-EV għas-servizzi tal-iċċarġjar;

"Open Charge Point Interface" jew "OCPI" tfisser protokoll miftuħ użat għal konnessjonijiet bejn l-operaturi ta' stazzjoni tal-iċċarġjar u l-forniturs tas-servizzi u li jiffaċilita r-*roaming* awtomatizzat għas-sewwieqa tal-EV f'diversi netwerks tal-iċċarġjar tal-EV;

"Open Charge Point Protocol" jew "OCPP" tfisser protokoll ta' applikazzjoni għall-komunikazzjoni bejn stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV) u sistema ta' ġestjoni ċentrali, magħrufa wkoll bħala netwerk tal-istazzjon tal-iċċarġjar;

"operatur tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku" jew "operatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizzi tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi lill-utenti u li tkun responsabbli għall-manutenzjoni teknika tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku, li tiżgura d-disponibbiltà u l-operat tal-punti tal-iċċarġjar mill-ġdid ġestiti minn dik il-persuna, tissorveljahom

u tikkontrollahom, kif ukoll tipprovdi d-dejta meħtieġa għal pjattaformi elettroniċi għall-monitoraġġ u l-kontroll ta' infrastrutturi rikarikabbli meta jkun meħtieġ li jagħmel dan;

"pjattaforma ta' interoperabilità" tfisser pjattaforma ta' software li permezz tagħha żewġ operaturi tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jew aktar jikkontribwixxu għall-iskjerament tar-roaming billi jiffaċilitaw, jiżguraw u jottimizzaw l-iskambji tad-dejta u s-servizzi tal-ħlas bejn operaturi tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku;

"provditur awtorizzat" tfisser id-detentur ta' awtorizzazzjoni maħruġa mir-Regolatur taħt dawn ir-regolamenti li tippermetti lil dik il-persuna biex taġixxi bħala operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku;

"punt tal-iċċarġjar" tfisser interface assoċjat ma' spazju għall-parkeġġ li jagħmilha possibbli li vettura elettrika waħda tiġi ċċarġjata mill-ġdid kull darba;

"punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser punt tal-iċċarġjar, li jipprovdi aċċess mhux diskriminatorju mal-Unjoni kollha għall-utenti. Aċċess mhux diskriminatorju jista' jinkludi termini differenti ta' awtentikazzjoni, użu u ħlas. B'mod partikolari, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku:

(a) punt tal-iċċarġjar li l-ispazju tal-parkeġġ tiegħu huwa fiżikament aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż fejn l-aċċess għall-ispazju tal-parkeġġ huwa soġġett għal awtorizzazzjoni u, jew il-ħlas ta' dritt ta' aċċess;

(b) punt tal-iċċarġjar abbinat ma' sistema ta' karozzi kondiviżi u aċċessibbli għal partijiet terzi, inkluż bil-ħlas għas-servizz tal-iċċarġjar;

Dawn li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku:

(a) punt tal-iċċarġjar installat f'bini residenzjali privat jew f'binja esterna ta' bini residenzjali privat u riservat esklussivament għar-residenti;

(b) punt tal-iċċarġjar assenjat esklussivament għall-iċċarġjar tal-vetturi fis-servizz fl-istess entità u installat f'kumpartiment dipendenti fuq din l-entità;

(ċ) punt tal-iċċarġjar installat f'workshop ta'

manutenzjoni jew tiswija mhux aċċessibbli għall-pubbliku;

"punt tal-iċċarġjar mill-ġdid ta' qawwa għolja" tfisser punt tal-iċċarġjar mil-ġdid li jippermetti t-trasferiment ta' elettriku għal vettura elettrika b'qawwa ta' aktar minn 22kW;

"punt tal-iċċarġjar mill-ġdid ta’ enerġija normali" tfisser punt tal-iċċarġjar mill-ġdid li jippermetti t-trasferiment tal-elettriku għal vettura elettrika b'qawwa inqas minn jew daqs 22kW, eskluż i apparat b'qawwa inqas minn jew daqs 3.7 kW, li huma installati fid-djar privati jew li l-għan primarju tagħhom mhuwiex li jiċċarġjaw vetturi elettriċi, u li mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku;

"Sistema ta’ Ġestjoni tal-Punti tal-Iċċarġjar" jew "CPMS" tfisser is-sistema ta’ ġestjoni mħaddma mill-operatur tal-punti tal-iċċarġjar biex jimmaniġġja u jżomm manutenzjoni tal-punti tal-iċċarġjar u s-sistema ta’ ġestjoni back-end u, jew tan-netwerk;

"tlestija mil-lat operattiv" tfisser il-ħila li tiffunzjona skont id-disinn u l-ispeċifikazzjonijiet;

"utent" tfisser l-utent aħħari li jeħtieġ li jiċċarġja vettura elettrika permezz ta' punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku;

"vettura elettrika" jew "EV" tfisser vettura bil-mutur mgħammra b’powertrain li jkun fiha mill-inqas magna elettrika waħda mhux periferali bħala konvertitur tal-enerġija b'sistema ta' ħażna tal-enerġija elettrika li tiċċarġja mill-ġdid u li tista' tiġi ċċarġjata esternament;

B'mod partikolari, vetturi elettriċi jinkludu karozzi, kif ukoll muturi, mopeds u roti elettriċi tal-kategoriji li ġejjin:

(a) "vettura purament elettrika" tfisser vettura mgħammra b'sistema ta’ sewqan, li tinkludi esklussivament muturi elettriċi bħala konvertituri tal-enerġija u sistemi elettriċi esklussivament rikarikabbli bħala sistemi ta' ħażna tal-enerġija;

(b) "vettura elettrika ibrida għall-iċċarġjar estern" tfisser kategorija ta' vettura elettrika ibrida li tista' tiġi ċċarġjata minn sors estern;

(ċ) "vettura ibrida taċ-ċellula tal-fjuwil" tfisser vettura taċ-ċellula tal-fjuwil mgħammra b'sistema ta' trasmissjoni ta' enerġija li tinkludi mill-inqas sistema waħda ta' ħażna ta' karburant u mill-inqas sistema waħda ta' ħażna elettrika rikarikabbli bħala sistema ta' ħażna elettrika;

(d) "ċikliżmu assistit (rota elettrika)" tfisser rota

mgħammra b'mutur elettriku awżiljarju ta' qawwa nominali massima ta' inqas minn jew ugwali għal 250W u li l-qawwa tal-magna tieqaf meta r-rota tilħaq 25 kilometru fis-siegħa.

Awtorizzazzjoni biex taġixxi bħala operatur tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

3. (1) Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni biex persuna taġixxi bħala operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

(2) Awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu mir-Regolatur fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi msemmija f'dawn ir-regolamenti u għandhom jinkludu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi.

(3) Awtorizzazzjoni maħruġa mir-Regolatur għandha tkun bil-miktub u, sakemm ma tiġix ikkanċellata, sospiża jew revokata skont xi kondizzjoni li tinsab fiha jew skont dawn r-regolamenti, jew taħt kull liġi oħra, din għandha tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu ta' żmien kif jista' jiġi speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

(4) Awtorizzazzjonijiet sakemm ma jiġux revokati għandhom ikunu validi għal perjodu ta' tnax (12)-il sena.

(5) Awtorizzazzjoni maħruġa mir-Regolatur taħt dawn ir-regolamenti ma għandhiex teżenta lill-provditur awtorizzat mir-rekwiżit li jikseb kwalunkwe awtorizzazzjoni jew permess ieħor kif jista' jkun meħtieġ taħt xi liġi oħra.

(6) Kull persuna li tixtieq taġixxi bħala operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandha tissottometti applikazzjoni bil-miktub lir-Regolatur f'dik il-forma u manjiera li r-Regolatur jista' jippreskrivi. Għandu jitħallas dritt ta' applikazzjoni li ma jitħallasx lura ta' ħames mitt (€500) euro lir-Regolatur mal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

(7) Ir-Regolatur għandu jistabbilixxi l-proċedura tiegħu għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni biex persuna taġixxi bħala operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

(8) Ir-Regolatur għandu jikkomunika lill-applikant bil-miktub fi żmien raġonevoli, li ma għandux ikun ta' aktar minn sitt (6) xhur mid-data tal-irċevuta ta' applikazzjoni valida, kwalunkwe deċiżjoni meħuda dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni jew kwalunkwe raġuni valida li timpedixxi lir-Regolatur biex jasal għal deċiżjoni bħal din.

(9) Malli tiskadi, awtorizzazzjoni tista' tiġġedded, u

applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni għandha tiġi sottomessa bil-miktub lir-Regolatur f'dik il-forma u manjiera li jista' jeħtieġ ir-Regolatur, sitt (6) xhur qabel id-data li fiha tiskadi l-awtorizzazzjoni. Għandu japplika ħlas ta' dritt li ma jitħallasx lura ta' applikazzjoni ta' tiġdid ta' ħames mitt euro (€500).

(10) Ir-Regolatur jista' jimmodifika, jemenda, jissostitwixxi, iżid jew iħassar kwalunkwe kondizzjoni ta' awtorizzazzjoni fl-awtorizzazzjoni mġedda u jżid kondizzjonijiet speċifiċi rilevanti għal kull awtorizzazzjoni individwali kif ir-Regolatur iqis li huwa raġonevolment ġustifikat fiċ-ċirkostanzi.

(11) L-ewwel dritt ta' awtorizzazzjoni pagabbli taħt is-subregolament (12) għandu jitħallas mill-provditur awtorizzat fi żmien tletin (30) jum mill-għoti tal-awtorizzazzjoni u wara kull tliet (3) snin fl-anniversarju tal-għoti ta' tali awtorizzazzjoni jew kwalunkwe data oħra li r-Regolatur jista' raġonevolment jistabbilixxi.

(12) L-ammont tad-dritt ta' awtorizzazzjoni għal kull punt tal-Iċċarġjar għandu jkun ta' ħamsa u sebgħin (€75) euro u għandu jitħallas lir-Regolatur kull tliet (3) snin:

Iżda l-ammont tad-dritt tal-awtorizzazzjoni għal kull punt tal-iċċarġjar irreġistrat wara d-data tal-għoti tal-awtorizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat *pro rata temporis*.

(13) Jekk xi dritt ta' awtorizzazzjoni pagabbli taħt is-subregolament (12) ma jitħallasx fi żmien tletin (30) jum mid-data li minnha jkun dovut il-ħlas tad-dritt tal-awtorizzazzjoni, ir-Regolatur għandu wara li jiskadi dak iż-żmien jikkomunika mal-provditur awtorizzat, li d-dritt tal-awtorizzazzjoni tiegħu ma jkunx tħallas u b'hekk jinfurmah dwar in-nuqqas tiegħu li jħallas tali dritt.

(14) Ir-Regolatur għandu jitqies li kkonforma mas-subregolament (13) jekk dik il-komunikazzjoni tintbagħat bil-posta rreġistrata, fl-indirizz tas-soltu jew l-aħħar wieħed magħruf tal-provditur awtorizzat li d-dritt tal-awtorizzazzjoni tiegħu ma jkunx hekk tħallas.

(15) Jekk xi dritt ta' awtorizzazzjoni msemmi fis-subregolament (14) ma jitħallasx fi żmien tletin (30) jum wara d-data li fiha l-komunikazzjoni msemmija hawn tkun intbagħtet bil-posta rreġistrata, l-awtorizzazzjoni li tirreferi għaliha ma tibqax fis-seħħ, u jekk il-persuna li lilha ngħatat tixtieq terġa' taġixxi bħala operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku hija għandha tkun meħtieġa tapplika għal awtorizzazzjoni ġdida.

(16) Meta jikkunsidra kwalunkwe applikazzjoni bħal din, ir-Regolatur jista' jqis in-nuqqas preċedenti tal-applikant li jħallas id-dritt tal-awtorizzazzjoni pagabbli taħt is-subregolament (12) u ta' kwalunkwe spjegazzjoni rigward dak in-nuqqas li l-applikant jista' jissottometti lir-Regolatur.

(17) Ir-Regolatur għandu jkollu s-setgħa li jinkludi f'awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti kwalunkwe kondizzjonijiet li r-Regolatur iqis meħtieġa jew xierqa.

(18) L-awtorizzazzjoni għandu jkollha sett minimu ta' kondizzjonijiet ġenerali:

Iżda kondizzjonijiet speċjali jistgħu jkunu mehmuża ma' kull awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti.

(19) Il-provditur awtorizzat għandu f'kull ħin jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti u mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni.

(20) Il-kondizzjonijiet inklużi f'awtorizzazzjoni jista' jkun fihom, iżda mhux neċessarjament ikunu limitati għal, dispożizzjonijiet dwar:

(a) l-għotja u t-terminu tal-awtorizzazzjoni;

(b) is-sospensjoni, il-varjazzjoni u l-kondizzjonijiet tat-trasferiment tal-awtorizzazzjoni;

(ċ) rekwiżiti ta' konformità għal kondizzjonijiet, direzzjonijiet, ittri ta' ġestjoni, standards, linji gwida, kodiċijiet ta' prattika jew regoli mogħtija mir-Regolatur jew kif jista' jkun stabbilit bil-liġi;

(d) l-obbligi tal-provditur awtorizzat inklużi iżda mhux limitati għal obbligi ta' servizz tal-konsumatur;

(e) protezzjoni tal-konsumaturi;

(f) monitoraġġ u reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet awtorizzati;

(g) rappurtar, verifika u sottomissjoni ta' informazzjoni lir-Regolatur;

(h) spezzjoni, teħid ta' kopji u teħid ta' estratti minn kotba u rekords miżmuma mill-provditur awtorizzat u t-twettiq ta' kejl u testijiet fir-rigward ta' kwalunkwe faċilità, assi jew impjant awtorizzat;

(i) valutazzjoni u verifika ta' operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi u l-konformità tagħhom mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni; u

(j) regolament ta' kumpaniji sussidjarji u, jew kumpaniji li jeżegwixxu parti mill-operazzjonijiet regolati, attivitajiet u prattiċi.

(21) Kull persuna mogħtija awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti għandha:

(a) tikkonforma ma' kwalunkwe direzzjoni mogħtija mir-Regolatur dwar dawk il-kwistjonijiet li huma speċifikati fl-awtorizzazzjoni jew huma ta' deskrizzjoni hekk speċifikata;

(b) teżegwixxi operazzjonijiet, attivitajiet u prattiki regolati skont dawn il-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni;

(ċ) taġixxi skont kwalunkwe rekwiżit kif speċifikat fl-awtorizzazzjoni jew li huma ta' deskrizzjoni hekk speċifikata; u

(d) tikkonforma mad-deċiżjonijiet jew l-istruzzjonijiet maħruġa mir-Regolatur.

(22) Il-provditur awtorizzat għandu jinforma lir-Regolatur bi kwalunkwe tibdil relatat mal-attività tiegħu li jirriżulta fil-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tiegħu li ma jibqgħux jiġu sodisfatti u l-ħolqien ta' sussidjarji li l-attivitajiet tagħhom jaqgħu fl-ambitu tal-awtorizzazzjoni u, jew l-iskema ta' awtorizzazzjoni.

(23) Il-provditur awtorizzat għandu jirreġistra l-punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku mar-Regolatur fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data tal-ikkummissjonar ta' tali punt tal-iċċarġjar permezz tal-proċedura stabbilita mir-Regolatur għal tali għanijiet. Il-provditur awtorizzat għandu jinnotifika wkoll lir-Regolatur fi żmien ġurnata (1) mid-data tad-dekummissjonar ta' tali punt tal-iċċarġjar permezz tal-proċedura stabbilita mir-Regolatur għal tali għanijiet.

Għoti ta' awtorizzazzjoni.

4. (1) Ir-Regolatur għandu jadotta kondizzjonijiet ġusti, oġġettivi u trasparenti relatati mal-għoti ta' awtorizzazzjoni f'termini tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

(2) Fit-teħid ta' deċiżjoni rigward l-għotja, ħruġ, emenda jew tiġdid jew kwalunkwe kwistjoni oħra li għandha x'taqsam ma' awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, ir-Regolatur jista' jieħu kont ta' dan li ġej:

(a) konformità mill-applikant mal-permessi u l-

awtorizzazzjonijiet l-oħra rilevanti kollha, ikunu kif ikunu deskritti maħruġa minn kwalunkwe regolatur pubbliku ieħor;

(b) il-kapaċità tal-applikant li jiżgura kondizzjonijiet ta' sikurezza, fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni li għaliha saret applikazzjoni;

(ċ) integrità privata u professjonali tal-applikant;

(d) protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati;

(e) protezzjoni tal-ambjent;

(f) rekord ta' konformità ma' dawn ir-regolamenti u kull liġi oħra rilevanti mill-persuna li fir-rigward tagħha għandha tittieħed id-deċiżjoni;

(g) l-adegwatezza tal-faċilità li għandha tiġi awtorizzata jew il-faċilità awtorizzata skont il-każ u fir-rigward tas-sikurezza, saħħa, sigurtà, sustanzi perikoluży, ambjent, użu tal-art u rekwiżiti ta' ppjanar;

(h) il-ħtieġa għal faċilitajiet u servizzi li għandhom jiġu pprovduti lill-klijenti fil-faċilità kkonċernata u l-punt safejn l-interessi tal-klijenti għandhom jiġu moqdija;

(i) l-interess pubbliku b'mod ġenerali.

Raġunijiet għal rifjut għal awtorizzazzjoni.

5. Ir-Regolatur għandu jkollu d-dritt li jirrifjuta talba għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni jew, jekk inħarġet awtorizzazzjoni, talba għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, għar-raġunijiet li:

(a) ir-Regolatur iqis li t-talba ma tissodisfax wieħed jew aktar mill-kriterji msemmija fir-regolament 4(2); jew

(b) l-applikazzjoni ma tinkludix l-informazzjoni kollha mitluba mir-Regolatur fil-formola tal-applikazzjoni jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali oħra li r-Regolatur jista' jitlob mingħand l-applikant għall-iskop li tiġi determinata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni; jew

(ċ) l-applikazzjoni ma tkunx akkumpanjata minn tali dritt ta' applikazzjoni kif speċifikat skont dawn ir-regolamenti:

Iżda kull deċiżjoni meħuda mir-Regolatur, inkluż ir-rifjut jew l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, għandha tkun kompletament motivata u għandha tkun miftuħa għal kontestazzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva:

Iżda wkoll f'każ ta' nuqqas mir-Regolatur li jinforma lill-applikant dwar kwalunkwe deċiżjoni meħuda dwar aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha, inkluż ir-rifjut jew l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, ma għandux ifisser b'xi mod, li r-Regolatur ikun taċitament ta tali awtorizzazzjoni u li l-applikant ingħata awtomatikament aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha.

Sospensjoni, revoka jew kanċellazzjoni ta' awtorizzazzjoni.

6. Ir-Regolatur jista', fi kwalunkwe żmien matul il-perjodu li għalih tkun valida awtorizzazzjoni, jordna s-sospensjoni, ir-revoka jew il-kanċellazzjoni tagħha meta r-Regolatur ikun sodisfatt li:

(a) id-detentur tal-awtorizzazzjoni jkun naqas jew qed jonqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe kondizzjoni tal-awtorizzazzjoni jew ma' dawn ir-regolamenti;

(b) id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma għandux l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi rilevanti l-oħra kollha ikunu kif ikunu deskritti li huma meħtieġa minn kwalunkwe regolatur pubbliku ieħor jew dipartiment tal-Gvern;

(ċ) id-detentur tal-awtorizzazzjoni qiegħed jikser kwalunkwe rekwiżit impost mil-liġi;

(d) id-detentur tal-awtorizzazzjoni jonqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe direttiva mogħtija mir-Regolatur;

(e) kwalunkwe informazzjoni sottomessa fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew l-applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni u li għaliha nħarġet jew ġiet imġedda l-awtorizzazzjoni, skont il-każ, hija ddeterminata bħala falza; jew

(f) jekk id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jissodisfa l-ebda kriterju fir-rigward ta' wieħed jew aktar mill-kriterji msemmija fir-regolament 5(2):

Iżda fl-eżerċizzju tas-setgħat għal sospensjoni, revoka jew kanċellazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet, ir-Regolatur jista' jieħu kont tan-natura tan-nuqqas, jew il-fatt li d-detentur tal-awtorizzazzjoni qiegħed jieħu l-passi xierqa li r-Regolatur iqis li huma meħtieġa biex jikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe rekwiżit ieħor li r-Regolatur jista' jqis rilevanti.

Tmiem ta' awtorizzazzjoni.

7. (1) Meta d-detentur ta' awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, jiddeċiedi li jew jissospendi jew itemm l-awtorizzazzjoni tiegħu, dak id-detentur għandu jinnotifika minnufih lir-Regolatur fil-forma preskritta mir-Regolatur, biex jinnotifika tali

terminazzjoni jew sospensjoni.

(2) Wara rikonoxximent mir-Regolatur lid-detentur ta' awtorizzazzjoni tan-notifika msemmija fis-subregolament (1), l-awtorizzazzjoni għandha titqies li ma baqgħetx fis-seħħ u b'effett immedjat mid-data ta' tali rikonoxximent dak id-detentur għandu jitqies li mhuwiex awtorizzat.

(3) Minkejja kull avviż għat-terminazzjoni jew is-sospensjoni ta' awtorizzazzjoni, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jibqa' responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe dritt dovut lir-Regolatur.

Trasferiment ta' awtorizzazzjoni.

8. (1) Awtorizzazzjoni maħruġa mir-Regolatur taħt dawn ir-regolamenti ma għandhiex tkun trasferita validament *inter vivos* lil xi persuna oħra sakemm:

(a) min jittrasferixxi jinforma bil-miktub lir-Regolatur b'tali forma u mod li għandu jippreskrivi r-Regolatur;

(b) ir-Regolatur huwa sodisfatt li mill-inqas l-istess kriterji kif elenkati fir-regolament 4(2) huma mħarsa;

(ċ) it-trasferiment huwa soġġett għall-kondizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjoni; u

(d) ir-Regolatur japprova bil-miktub it-trasferiment tal-awtorizzazzjoni.

(2) Awtorizzazzjoni maħruġa mir-Regolatur taħt dawn ir-regolamenti ma għandhiex tkun trasferita validament *causa mortis* lil xi persuna oħra sakemm:

(a) min jittrasferixxi jinforma bil-miktub lir-Regolatur b'dik il-forma u mod kif ir-Regolatur għandu jippreskrivi;

(b) ir-Regolatur huwa sodisfatt li mill-inqas l-istess kriterji kif elenkati fir-regolament 4(2) huma mħarsa;

(ċ) it-trasferiment huwa soġġett għall-kondizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjoni; u

(d) ir-Regolatur japprova bil-miktub it-trasferiment tal-awtorizzazzjoni:

Iżda awtorizzazzjoni maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandha tkun dritt indiviżibbli:

Iżda wkoll fil-każ li r-Regolatur japprova t-trasferiment tal-

awtorizzazzjoni kif intqal qabel, it-trasferiment għandu jkollu effett retrospettiv mid-data tal-mewt tad-*decujus*.

(3) Fejn il-provditur awtorizzat huwa korp ġuridiku jew kwalunkwe korp ieħor ta' persuni, bidla fil-kontroll tas-sjieda jew tal-ġestjoni ta' dak il-korp għandha titqies li tkun ekwivalenti għat-trasferiment tal-awtorizzazzjoni u għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tar-Regolatur. Għall-fini ta' dan is-subregolament, trasferiment fil-kontroll tas-sjieda ta' korp ġuridiku jew korp ieħor ta' persuni għandu jitqies li jseħħ fi kwalunkwe każ fejn trasferiment tal-kapital, ishma, stokks jew drittijiet oħra miżmuma fil-korp ġuridiku jew korp ieħor ta' persuni jwassal għal bidla fil-persuna li jkollha l-interess ta' kontroll f'dak il-korp.

Konnessjoni mal-grilja.

L.S. 545.01.

9. (1) Operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu japplika għal servizz ta' konnessjoni tal-elettriku kif stabbilit fir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku u għandu jkun soġġett għall-imposti applikabbli u t-tariffi tal-konsum stabbiliti fihom.

L.S. 545.24.

(2) L-installazzjoni tal-wajers elettriċi użata biex tforni l-elettriku lil infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandha tkun konformi mar-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi u għandha titwettaq u tiġi ċċertifikata minn provditur awtorizzat li jkollu l-awtorizzazzjoni xierqa skont ir-regolamenti hawn fuq imsemmija.

Kejl.

10. (1) L-infrastrutturi tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku kollha għandu jkollhom apparat ta' kejl u kontroll installat biex jikkontrolla u jimmaniġġja l-iċċarġjar.

L.S. 454.15.

(2) It-tagħmir tal-kejl tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkun konformi mar-Regolamenti dwar Strumenti ta' Kejl.

Reġistru nazzjonali, skambju ta' dejta u sistema ta' superviżjoni.

11. (1) Kull punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkun irreġistrat fuq reġistru nazzjonali tal-infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi aċċessibbli għall-pubbliku. Ir-Regolatur għandu jassenja identifikatur uniku għal kull punt tal-iċċarġjar.

(2) Minbarra l-identifikatur tal-punt tal-iċċarġjar, l-informazzjoni meħtieġa għall-aċċess għall-iċċarġjar u l-metodi operattivi, kif ukoll numru tat-telefon jew buttuna tas-sejħa konnessa jew kwalunkwe mezz ieħor ekwivalenti biex tilħaq l-operatur f'każijiet ta' funzjonament ħażin għandhom ikunu disponibbli fil-viċinanza immedjata tal-punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

(3) Dejta relatata mal-post ġeografiku u l-karatteristiċi tekniċi

ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandha tkun aċċessibbli fuq bażi miftuħa għall-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju. L-operatur għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li din id-dejta tiġi aġġornata kontinwament, issir pubblika u għandu jippermetti l-użu mill-ġdid bla ħlas ta' din id-dejta.

(4) Infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkollha sistema ta' superviżjoni li tippermetti l-iskambju tad-dejta ma' kull punt tal-iċċarġjar kif ukoll monitoraġġ f'ħin reali tal-istat tal-infrastruttura tal-iċċarġjar, u li jirreġistra l-parametri essenzjali tal-użu tas-servizz, inklużi dawk li jikkonċernaw l-enerġija mogħtija.

(5) L-Open Charge Point Protocol għandu jintuża minn kwalunkwe operatur għall-komunikazzjoni bejn il-punti tal-iċċarġjar u s-sistema tal-ġestjoni tal-punt tal-iċċarġjar.

(6) Il-protokoll Open Charge Point Interface għandu jintuża għall-komunikazzjoni bejn il-fornituri tas-servizz tal-elettromobilità u l-operaturi tal-punti tal-iċċarġjar u għall-komunikazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi tal-elettromobilità jew l-operaturi tal-punti tal-iċċarġjar u l-pjattaformi li jipprovdu servizzi ta' ċċarġjar roaming.

Iċċarġjar *ad hoc*.

12. L-operatur għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiggarantixxi, taħt kondizzjonijiet mhux diskriminatorji, aċċess għall-imposti u, fejn applikabbli, il-ħlas relatat, lil kwalunkwe utent li jitlobha mingħajr l-obbligu li jidħol f'kuntratt ma' tali operatur:

Iżda l-obbligu huwa preżunt li ġie sodisfatt billi jippermetti l-iċċarġjar *ad hoc* u ħlas relatat mingħajr il-ħtieġa għar-reġistrazzjoni jew l-awtentikazzjoni tal-utent bl-ebda mod u permezz ta':

(a) sistema komuni ta' ħlas ibbażata fuq il-kard li jinkludu sistemi contactless jew metodu ta' ħlas fi flus kontanti fil-viċinanza immedjata tal-punt tal-iċċarġjar; u, jew

(b) sistema ta' ħlas komuni bbażata fuq l-internet.

Iċċarġjar fuq bażi kuntrattwali.

13. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 12, operatur jista' joffri servizzi ta' ċċarġjar ta' vetturi elettriċi lill-utenti fuq bażi kuntrattwali, inkluż f'isem u għan-nom ta' operaturi oħra. L-operaturi li joffru servizz ta' ċċarġjar fuq bażi kuntrattwali f'isem operaturi oħra jistgħu jipprovdu dan is-servizz permezz ta' konnessjoni diġitali tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għal pjattaforma ta' interoperabilità, kemm jekk ġestita mill-istess operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jew minn partijiet terzi.

(2) Il-pjattaforma ta' interoperabbiltà għandha toffri servizz ta'

intermedjazzjoni universali bejn il-funzjonijiet ta' operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku, li tiżgura l-iskambji tad-dejta meħtieġa għall-iċċarġjar bir-*roaming* u servizzi assoċjati bħal sejba u prenotazzjoni ta' punti ta' ċċarġjar, meta dawn jiġu offruti mill-operaturi kkonċernati.

(3) Il-pjattaforma ta' interoperabilità għandha tinkludi l-miżuri xierqa biex tagħmel is-servizz ta' intermedjazzjoni aċċessibbli għal operaturi oħra ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku li l-attività tagħhom teħtieġ interazzjoni ma' operaturi ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jew utenti.

(4) Pjattaforma ta' interoperabbiltà għandha tinkludi l-miżuri xierqa biex tistabbilixxi relazzjonijiet ma' pjattaformi oħra ta' interoperabilità sabiex l-abbonat ta' operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jkun jista' jiġi konness ma' waħda minn dawn il-pjattaformi, u biex ikollu aċċess għall-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ta' operaturi konnessi ma' pjattaformi oħra.

(5) Pjattaforma ta' interoperabilità ma għandhiex, minħabba l-organizzazzjoni jew l-attività tagħha, tikkonferixxi jew tikkontribwixxi biex tagħti vantaġġ lil operatur partikolari ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

Trasparenza tal-prezz.

L.S. 545.01.

14. (1) Il-prezz għal kull kWh ta' elettriku kkunsinnat minn punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkun kif stabbilit fir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku u l-operatur ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ma għandux jagħmel profitt mill-bejgħ mill-ġdid tal-elettriku.

L.S. 545.01.

(2) Il-prezz li għandu jitħallas lill-utenti ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-użu tas-servizz tal-iċċarġjar (eskluż il-komponent tal-elettriku) għandu jkun iddeterminat mill-operatur. L-operatur jista' jżid primjum għal kull kWh għas-servizz tal-iċċarġjar mat-tariffa regolata kif stabbilit fir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku. Dan il-primjum għandu jitqies li jkopri l-ispiża ta' investiment, installazzjoni, tħaddim, manutenzjoni u ġestjoni tal-punt tal-iċċarġjar kif ukoll kwalunkwe sistema ta' ġestjoni tan-netwerk, filwaqt li tinkludi profitt raġonevoli.

(3) Fuq kull punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku, il-karatteristiċi tekniċi u t-tqassim tal-komponenti tal-prezz għandhom ikunu indikati b'mod ċar. Il-prezz applikabbli tal-elettriku għal kull kWh għandu jkun distint b'mod ċar u muri separatament mill-komponenti l-oħra tal-prezz.

Standards.

15. (1) Punt tal-iċċarġjar normali li huwa wkoll punt tal-

iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkun mgħammar mill-inqas b'sokit tat-Tip 2 jew konnettur tat-tip 2, kif deskritt fl-istandard EN 62196-2.

(2) Punt tal-iċċarġjar ta' qawwa għolja ta' kurrent dirett li huwa wkoll punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkun mgħammar tal-inqas b'konnettur wieħed tat-Tip Combo2 kif deskritt fl-istandard EN 62196-3.

(3) Punt tal-iċċarġjar ta' qawwa għolja ta' kurrent alternanti li huwa wkoll punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkun mgħammar tal-inqas b'konnettur wieħed tat-Tip 2 kif deskritt fl-istandard EN 62196-2.

(4) Punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku riżervat għal vetturi elettriċi tal-Kategorija L sa 3.7kVA għandu jkun mgħammar tal-inqas b'waħda minn dawn li ġejjin:

(a) sokits jew konnetturi tal-vettura tat-Tip 3a kif deskritt fl-istandard EN 62196-2 (għall-iċċarġjar tal-Mod 3);

(b) sokits u konnetturi konformi mal-IEC 60884 (għall-iċċarġjar Mode 1 jew Mode 2).

(5) Sokits tal-iċċarġjar għandu jkollhom xaters tas-sigurtà.

Manutenzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

16. L-operatur għandu jkun responsabbli għaż-żamma tal-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku fi stat tajjeb u sigur ta' tħaddim, u biex jiżgura li ssir manutenzjoni regolari.

Penalitajiet amministrattivi.

17. (1) Ir-Regolatur jista' jimponi penali amministrattiva fuq kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi kondizzjoni ta' awtorizzazzjoni jew approvazzjoni maħruġa taħthom jew li tonqos milli tikkonforma ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur biex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Penali amministrattiva imposta taħt is-subregolament (1) ma għandhiex taqbeż mitt elf euro (€100,000).

Appelli. Kap. 490.

18. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina appelli minn deċiżjonijiet tar-Regolatur magħmula taħt dawn ir-regolamenti. Sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor, appell minn deċiżjoni tar-Regolatur magħmul taħt dawn ir-regolamenti għandu jkun quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 32 tal-Att.